MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 187/2011

**A B f'isimha u ghan-nom tal-minuri M u S B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-attrici u C B izzewgu fil-15 ta' Awissu 1998. Minn dan iz-zwieg hemm zewt itfal minuri M illi ghandu seba' snin u S li se taghlaq ghaxar snin;
2. Illi huma kienu izzewgu hawn Malta. L-attrici cittadina Maltija ghalkemm ta' nisel barrani u r-ragel jigi t-tifel ta' Iman fil-Moskea ta' Kordin;
3. Skont id-drawwiet taghhom, l-attrici ghamlet minn kollox biex inzomm il-familja u r-responsabbilta lejn it-tfal. Anke hadet hsieb li tizviluppa kulturalment u ghamlet korsijiet l-Universita ta' Malta. Fil-fatt ghadha f'dawn il-korsijiet;
4. Ghall-ewwel sena kien zwieg normali imma wara li twieldet it-tifla S beda jberraq l-inkwiet. Kien hemm problemi diga ghaliex wara tlett gimghat illi kienu mizzewgin l-attrici saret taf illi kellu dejn sewwa u gej minn qabel iz-zwieg u hi ghalhekk, biex tghin lill- familja, harget tahdem. Il-paga kienet tmur kompletament ghandu u d-dejn xorta baqa jikber;
5. Wara li twieldet it-tifla rari kien ikun id-dar, jiehu l-klus kollha li jkun hemm sahansitra c-children's allowance u jonfoq kollox kif jidhirlu hu. L-attrici ma kienitx taf x'qed jaghmel bil-flus u lanqas, mhux biss kemm jaqla, imma lilha ma kien jaghtiha xejn. Fil-fatt kienet idur fuq missierha biex jghinha. Is-sitwazzjoni kienet dejjem tmur ghall-aghar. Mhux darba jew tnejn kien ikollha titlaq ghand il-genituri taghha ghaliex kienet issib li gideb, qed ihawwad u l-attrici ma tafx fejn hi. Kienu wkoll jispiccaw bil-pulizija jhabbtu l-bieb tad-dar u lanqas tkun taf fejn hu;
6. Is-sitwazzjoni tad-dejn bdiet taggrava ruhha u bdiet tinduna b'certu affarijiet ghaliex kien hemm il-loan tal-bank dwar id-dar fejn joqghodu. Kienet qed tippretendi illi qed ihallas id-dejn imma il-flus illi jkun hemm jisparixxu mbaghad jghid illi daqqa se jaghmel business u daqqa se jaghmel business iehor u minn dan hlief djun ma ratx. Fit-8 ta' Marzu 2008, il-konvenut telaq mid-dar u mar jghix, sa fejn taf hi, ghand membri tal-familja tieghu. Missieru u hu marru jfittxu lil missierha biex skont id-drawwiet taghhom ghamlu wkoll kitba illi hu kien qed jintrabat biex jaghtiha l-manteniment. Minn dan ma gara xejn bhala manteniment ghaliha u jaghti biss il-manteniment tat-tfal;
7. Minhabba t-tahwid illi halla warajh, ghandha id-dar fejn toqghod hi u t-tfal ipperikolata, b'kontijiet anke tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma illi ma thallsux, barra l-claims ta' kredituri kontra tieghu minhabba d-dejn illi dahal fih kif fettillu;

8. Illi hija taf li r-ragel mar is-Sirja u hemmhekk, kif seta' jaghmel skont il-ligi ta' dak il-pajjiz, izzewweg mara ohra. Huwa gabha mieghu hawn Malta u jidher manifest illi huma mizzewgin ghaliex missieru illi huwa Imam certament m'huwiex se jaccetta illi jhallih jghix skont ir-religjon Musulmana ma mara illi ma jkunx izzewwigha. Minn din il-mara, illi giet pprezentata bhala illi gejja tahdem hawn Malta, ghandu tifel u minn dak li qalulha t-tfal stess regghet pregnant. Din is-sitwazzjoni m'hijiex accettabbli ghaliha u ghalkemm saru diversi tentattivi waqt il-medjazzjoni halli isibu soluzzjoni, dan kien impossibbli u ghalhekk kellha taghmel din il-kawza;

**Kawzali :**

1. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba ecessi u adulterju u abbandun da parti tal-konvenut;
2. Illi l-attrici ma tridx tibqa f'dan l-istat u trid taghmel it-talbiet ancillary kemm ghas-separazzjoni personali u kif ukol it-talbiet l-ohra fl-interess tat-tfal naxxenti miz-zwieg;
3. Illi l-attrici debitament awtorizzata li taghmel din il-kawza b'digriet tal-14 ta' April, 2011;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provediment opportun m'ghandhiex :

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija unikament tal-konvenut;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-attrici;
3. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess precipwament billi taddebita d-dejn maghmul unilateralment mill-konvenut lill-istess konvenut;
4. Tiffissa retta alimentarja ghall-attrici u ghall-minuri u l-modalitajiet tal-istess hlas;
5. Tiffissa l-access ghall-minuri li ma jkunx fid-dar fejn qieghed jghix ma mara ohra illi jikkonsidra bhala martu;
6. Tawtorizza lill-attrici illi tiehu lura l-oggetti kollha u l-flus parafernali taghha;

7. Tordna illi d-dar konjugali tibqa tghix fiha l-attrici u li l-istess dar konjugali tinghata lill-attrici jekk hemm bzonn ghas-saldu tad-drittijiet taghha ta' manteniment imqar jekk tkun obbligata thallas id-dejn mal-bank fuq l-istess dar konjugali;
8. Tawtorizzaha illi tirritorna ghal kunjom ta' xbubita "Toutoungi";

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi l-intimat C B, illum il-gurnata u fic-cirostanzi jaqbel illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni pesonali ta' bejniethom, pero' ghandhom jigu applikati kontra r-rikorrenti A B s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Art 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi l-firda ta' bejniethom sehhet bi htija taghha u dana hekk kif ser jipprova l-istess intimat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;
2. Illi l-intimat jaghmel referenza ghat-tieni talba fir-rikors mahluf promotorju u ma jaqbilx mal-istess billi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri ghandha tkun wahda kongunta u m'hemmx l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn dan m'ghandux ikun;
3. Illi dwar it-tielet talba l-intimat qed jaqbel mal-istess talba limitatament inkwantu tirrigwarda il-kommunjoni tal-akkwisti u dana dejjem sakemm jigu applikati s-sanzjonijiet su-indikati kontra r-rikorrenti. Ghal dak li jirrigwarda d-dejn imsemmi fit-tielet talba, dan huwa dejn gravanti il-kommunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ghandu jigi kkonsidrat minn dina l-Qorti bhala tali meta tigi halli xxolji u tillikwida l-istess kommunjoni;
4. Illi dwar ir-raba talba attrici, li l-konvenut qed jopponi bil-qawwa tieghu li hu jmantni lir-rikorrenti proprio u dana billi m'hemm l-ebda raguni fil-ligi ghalfejn hu ghandu jmantniha. Dwar il-manteniment tal-minuri u jekk ikun il-kaz, l-intimat

ikun lest li jissoministra manteniment dejjem skont il-mezzi finanzjarji tieghu u skont il-bzonnijiet ippruvati mill-attrici tal-istess minuri u dana kif del resto hu gja qed jaghmel;

5. Illi l-intimat jaghmel riferenza ghal hames talba attrici u qed jaqbel illi huwa jkollu access adegwat ghat-tfal minuri;
6. Illi dwar is-sitt talba l-intimat jaqbel illi kull parti ghandha titghata lura il-proprjeta' parafernali taghha;
7. Illi dwar is-seba' (7) talba attrici, l-intimat qed jopponi din it-talba bil-qawwa kollha tieghu billi fl-ewwel lok m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn l-attrici ghandha tigi akkordata dan il-jedd ta' abitazzjoni u fit-tieni lok it-talba hekk kif dedotta mhix fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt billi bhala fatt m'hemmx x'jaghmel tajjeb fil-kommunjoni biex l-intimat jiehu sehemu bhala valur ta' nofs indiviz tal-fond konjugali u fid-dritt tali talba hija guridikament improponibbli ghaliex skont il-ligi x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-kommunjoni ma jsehhx b'dana l-mod;
8. Ili dwar it-tmien talba l-intimat ma jopponix ghall-istess;
9. Salv linji difensjonali ohra hekk kif permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-nota taghha tal-15 ta'Ottubru 2014 li permezz taghha cediet it-talbiet kollha hlief ghall-ewwel talba, stante rikorsipprezentat minnha illum stess;

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet tal-15 ta' Ottubru 2014 illi permezz tieghu il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi cedew it-talbiet kollha hlief ghall-ewwel talba u illi xtaqu illi l-ewwel talba tigi konvertita f'talba ghall-hall ta' zwieg ta' bejn il-partijiet. Huma it-tnejn ikkonfermaw bil-gurament illi l-ewwel talba ghall-medjazzjoni kienet saret fil-15 ta' Mejju 2009, illi ma hemm l-ebda possiblita ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' it-talba f'dan ir-rikors konguntiv, tikkonverti l-ewwel talba fir-rikors guramentat tar-rikorrenti tal-1 ta' Gunju 2011 minn talba ghal separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal talba ghall-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti u wara illi rat l-atti kollha u l-Artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa t-talba, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku; Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------